



Dokument ta' sessjoni

B8-0992/2015

28.9.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-istatus ta' refuġjat minħabba l-klima

Aldo Patriciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-istatus ta' refuġjat minħabba l-klima

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/95/UE,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/32/UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-immigrazzjoni hija problema attwali u l-politiki rilevanti fil-livell Ewropew għandhom jiġu implimentati;
- B. billi għaddej dibattitu mqanqal dwar il-fatt li t-tibdil fil-klima se jwassal għal żieda qawwija tal-migrazzjoni;
- C. billi, pereżempju, fis-Sirja n-nifxa eċċezzjonali tat-triennju 2007-2010 attribwibbli, minħabba l-intensità tagħha, għat-tibdil fil-klima kkontribwiet għall-intensifikazzjoni tal-kunflitt li ilu sejjer mill-2011 u kkawża flussi migratorji konsiderevoli;
- D. billi l-istatus ta' refuġjat minħabba l-klima għadu mhux previst la fid-dritt internazzjonali u lanqas f'dak Ewropew;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni li tipprevedi l-istatus ta' refuġjat minħabba l-klima.